**ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET (KAP. 296)**

**Avviż li hemm il-Ħsieb li Titoli ta' Art Jiġu Rreġistrati**

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:

**No. 632**

**LAND REGISTRATION ACT (CAP. 296)**

**Notice of Intention to Register Titles to Land**

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|
| Għajnsielem | Appartament Nru. 6, 'Calypso Court', Triq Għajnsielem, u in parti transferiment ta' proprjetà 22003817 | Attard Samuel | LRA891/2024 |
| *Għajnsielem* | *Apartment No. 6, 'Calypso Court' ,Triq Għajnsielem, and in part transfer of property 22003817* | *Attard Samuel* | |
| Għajnsielem | Korrezzjoni ta' Garaxx Nru. 12, 'Orchidea Court', Triq ta' Cordina | Bugeja Nicholas et | LRA919/2024 |
| *Għajnsielem* | *Correction of Garage No. 12, 'Orchidea Court', Triq ta' Cordina* | *Bugeja Nicholas et* | |
| Għajnsielem | Irtirar ta' LRA113/2021 – Garaxx 12, 'Orchidea Court', Triq ta' Cordina | Excel Investments Limited | LRA920/2024 |
| *Għajnsielem* | *Withdrawal of LRA113/2021 – Garaxx 12, 'Orchidea Court', Triq ta' Cordina* | *Excel Investments Limited* | |
| Għajnsielem | Korrezzjoni ta' proprjetà 22001010 tal-pjanti rilevanti | Magro John et | LRA921/2024 |
| *Għajnsielem* | *Correction of property 22001010 of relevant plans* | *Magro John et* | |
| L-Għarb | Dritt ta' kumpens fuq porzjon art fi Triq Ta' Pinu tal-kejl ta' 92m.k. | Gvern ta' Malta | LRA866/2024 |
| *Għarb* | *Right of Compensation on portion of land in Triq Ta' Pinu covering an area of 92s.m.* | *Government of Malta* | |
| Ta' Kerċem | Korrezzjoni ta' proprjetà 30000090 tal-pjanti rilevanti | Fenek tal-Medja Limited | LRA836/2024 |
| *Ta' Kerċem* | *Correction of property 30000090 of rilevanti plants* | *Fenek tal-Mejda Limited* | |
| Ta' Kerċem | Żewġ porzjonijiet art magħrufa 'Tal-Boroz' tal-kejl 1119.3m.k. u 254.96m.k. | Pace Joseph et | LRA892/2024 |
| *Ta' Kerċem* | *Two portions of land known as 'Tal-Boroz' covering an area of 1119.3s.m. and 254.96m.k.* | *Pace Joseph et* | |
| Ta' Kerċem | Porzjon art magħrufa 'Tal-Boroz' tal-kejl ta' 1,195m.k. | Pace Joseph et | LRA893/2024 |
| *Ta' Kerċem* | *Portion of land known as 'Tal-Boroz' covering an area of 1,195s.m.* | *Pace Joseph et* | |
| Il-Munxar | Korrezzjoni ta' proprjetà 42001852 tal-pjanti rilevanti | Coppini Lawrence et | LRA833/2024 |
| *Munxar* | *Correction of property 42001852 of relevant plans* | *Coppini Lawrence et* | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|
| Il-Munxar | Kamra fit-third floor level, 1/3 indiviż minn kamra tal-banju żgħira fit-third floor level, 1/9 indiviż minn kaxxa tat-taraġ u mill-arja sopravosta għat-third floor level u kamra fil-ground floor level, formanti parti minn blokk bini bl-isem 'Santa Maria Court', Triq il-Madonna Tal-Karmnu | Cardona Dun Paul | LRA839/2024 |
| *Munxar* | *Room in the third floor level, 1/3 undivideed share of small bathroom in third floor level, 1/9 unvided share of staircase and overlying third from third floor level and room in ground floor level forming part of block 'Santa Maria Court', Triq il-Madonna Tal-Karmnu* | *Cardona Dun Paul* | |
| Il-Munxar | Porzjon raba' magħrufa 'Taz-Zgħawri' tal-kejl ta' 600m.k. | Rapa Anne | LRA840/2024 |
| *Munxar* | *Portion of land known 'Taz-Zgħawri' covering an area of 600s.m.* | *Rapa Anne* | |
| Il-Munxar | Porzjon raba' magħrufa 'Taz-Zgħawri' tal-kejl ta' 359m.k. | Rapa Anne | LRA841/2024 |
| *Munxar* | *Portion of land known 'Taz-Zgħawri' covering an area of 359s.m.* | *Rapa Anne* | |
| Il-Munxar | Porzjon raba' magħrufa 'Taz-Zgħawri' tal-kejl ta' 146m.k. | Rapa Anne | LRA842/2024 |
| *Munxar* | *Portion of land known 'Taz-Zgħawri' covering an area of 146s.m.* | *Rapa Anne* | |
| In-Nadur | 1/2 indiviż minn porzjon diviż mid-dar magħrufa bħala 'Tas-Sabbora' tal-kejl ta' 4,500 m.k, 1/18 u 1/9 indiviża minn parti diviza mid-dar 'New York', fi Triq San Ġakbu | Muscat Paulina et | LRA828/2024 |
| *Nadur* | *1/2 undivided share of divided portion of premises known 'Tas-Sabbora' covering an area of 4,500s.m., 1/18 and 1/9 undivided share of divided portion of premises 'New York' in Triq San Ġakbu* | *Muscat Paulina et* | |
| In-Nadur | Dirett Dominju Perpetwu Fond 'New York', Triq San Ġakbu | Muscat Paulina et | LRA829/2024 |
| *Nadur* | *Perpetual Direct Dominium Premises 'New York', Triq San Ġakbu* | *Muscat Paulina et* | |
| In-Nadur | Porzjon raba' magħrufa 'Tal-Ħanak' tal-kejl ta' 455m.k. | Portelli William | LRA843/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Tal-Ħanak' covering an area of 455s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | Porzjon raba' magħrufa 'Tal-Ħanak' tal-kejl ta' 1,548m.k. | Portelli William | LRA844/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Tal-Ħanak' covering an area of 1,548s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Tal-Mejda' tal-kejl ta' 431m.k. | Portelli William | LRA845/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Tal-Mejda' covering an area of 431s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Tal-Mejda' tal-kejl ta' 453m.k. | Portelli William | LRA846/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Tal-Mejda' covering an area of 453s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Tal-Mejda' tal-kejl ta' 752m.k. | Portelli William | LRA847/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Tal-Mejda' covering an area of 752s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Tad-Duru' tal-kejl ta' 368m.k. | Portelli William | LRA848/2024 |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Ta' Duru' covering an area of 368s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Tal-Mejda' tal-kejl ta' 854m.k. | Portelli William | LRA849/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Tal-Mejda' covering an area of 854s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Ta' Spilotti' tal-kejl ta' 224m.k. | Portelli William | LRA850/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Ta' Spilotti' covering an area of 224s.m.* | *Portelli Willam* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Ta' Spilotti' tal-kejl ta' 661.85m.k. | Portelli William | LRA851/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Ta' Spilotti' covering an area of 661.85s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Tal-Ħanaq' tal-kejl ta' 224m.k. | Portelli William | LRA852/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Tal-Ħanaq' covering an area of 224s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Tal-Ħanaq' tal-kejl ta' 271m.k. | Portelli William | LRA853/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Tal-Ħanaq' covering an area of 271s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Tal-Ħanaq' tal-kejl ta' 308m.k. | Portelli William | LRA854/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Tal-Ħanaq' covering an area of 308s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Tal-Ħanaq' tal-kejl ta' 322m.k. | Portelli William | LRA855/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Tal-Ħanaq' covering an area of 322s.m.* | *Portelli William* | |
| In-Nadur | 1/2 indiviż u 1/6 indiviż minn fond 'Cheyenne' fi Triq David Cocco Palmeri u in parti trasferiment parzjali ta' proprjetà 43004040 | Camilleri David et | LRA861/2024 |
| *Nadur* | *1/2 undivided share and 1/6 undivided share of Premises 'Cheyenne' in Triq David Cocco Palmeri and in part part transfer of property 43004040* | *Camilleri David et* | |
| In-Nadur | Garaxx fi Triq Arcipriet Saverio Cassar | Debono Peter Paul | LRA862/2024 |
| *Nadur* | *Garage in Triq Arcipriet Saverio Cassar* | *Debono Peter Paul* | |
| In-Nadur | Appartament Nru. 3, Blokk A, Triq tax-Xini | Cachia Enzo et | LRA889/2024 |
| *Nadur* | *Apartment No. 3, Block A, Triq tax-Xini* | | |
| In-Nadur | Korrezzjoni ta' LRA2734/2020 tal-pjanti rilevanti | Camilleri Coronato et | LRA900/2024 |
| *Nadur* | *Correction of LRA2734/2020 of relevant plans* | *Camilleri Coronato et* | |
| In-Nadur | Garaxx J, Blokk A, Triq tax-Xini | Borg Carmel | LRA903/2024 |
| *Nadur* | *Garage J, Block A, Triq tax-Xini* | *Borg Carmel* | |
| In-Nadur | Garaxx G, Blokk B, Triq tax-Xini | Borg Saviour | LRA904/2024 |
| *Nadur* | *Garage G, Block B, Triq tax-Xini* | *Borg Saviour* | |
| In-Nadur | Fond Nru. 11, Triq tad-Duru | Borg Concetta | LRA905/2024 |
| *Nadur* | *Premises No. 11, Triq tad-Duru* | *Borg Concetta* | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Ta' Sejtun' tal-kejl ta' 810m.k. | Muscat Charles et | LRA918/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Ta' Sejtun' covering an area of 810s.m.* | *Muscat Charles et* | |
| In-Nadur | Porzjon art magħrufa 'Ta' Patrik' sive 'Tal-Ġnien' tal-kejl ta' 389m.k. | Grech Andrew et | LRA925/2024 |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Ta' Patrick' sive 'Tal-Ġnien' covering an area of 389s.m.* | *Grech Andrew et* | |
| Il-Qala | Fond u garaxx 'Mirage', Triq ta' Grunju | Excel Investments Limited | LRA869/2024 |
| *Qala* | *Premises with garage 'Mirage', Triq ta' Grunju* | *Excel Investments Limited* | |
| Il-Qala | Fond 24, Triq il-Wardija | Camilleri Alfred et | LRA910/2024 |
| *Qala* | *Premises 24, Triq il-Wardija* | *Camilleri Alfred et* | |
| San Lawrenz | 1/2 indiviż Fond Nru. 5, Triq San Lawrenz | Atkins Jonathan Roger | LRA908/2024 |
| *San Lawrenz* | *1/2 undivided share of Premises No. 5, Triq San Lawrenz* | *Atkins Jonathan Roger* | |
| San Lawrenz | Fond Nru. 5, Triq San Lawrenz, u in parti transfer of LRA908/2024 | Vincenti Carmel et | LRA909/2024 |
| *San Lawrenz* | *Premises No. 5, Triq San Lawrenz, and in part transfer of LRA908/2024* | *Vincenti Carmel et* | |
| Ta' Sannat | Fond Nru. 133, 134, Triq il-Kbira | Cardona Dun Paul et | LRA838/2024 |
| *Ta' Sannat* | *Premises No. 133, 134, Triq il-Kbira* | *Cardona Dun Paul et* | |
| Ta' Sannat | Porzjon art magħrufa 'Tal-Gruwa' tal-kejl ta' 15,500m.k. | Gvern ta' Malta | LRA867/2024 |
| *Ta' Sannat* | *Portion of land known as 'Tal-Gruwa' covering an area of 15,500s.m.* | *Government of Malta* | |
| Ix-Xewkija | Porzjon art magħrufa 'Tas-Sabbora' fi Triq il-Loġġa tal-kejl ta' 4,654.67m.k. | Bugeja Emanuel et | LRA823/2024 |
| *Xewkija* | *Portion of land known as 'Tas-Sabbora' in Triq il-Loġġa covering an area of 4,654.67s.m.* | *Bugeja Emanuel et* | |
| Ix-Xewkija | 1/4 indiviż minn porzjon art magħrufa 'Tas-Sabbora' tal-kejl ta'4500m.k. | Bugeja Salvina et | LRA824/2024 |
| *Xewkija* | *1/4 undivided share of portion of land known as 'Tas-Sabbora' covering an area of 4500s.m.* | *Bugeja Salvina et* | |
| Ix-Xewkija | 1/4 indiviż minn porzjon art magħrufa 'Tas-Sabbora' tal-kejl ta'4500m.k. | Bugeja Emanuel et | LRA826/2024 |
| *Xewkija* | *1/4 undivided share of portion of land known as 'Tas-Sabbora' covering an area of 4500s.m.* | *Bugeja Emanuel et* | |
| Ix-Xewkija | 1/2 indiviż minn porzjon art magħrufa 'tas-Sabbora' tal-kejl ta'4500m.k. | Bugeja Emanuel et | LRA827/2024 |
| *Xewkija* | *1/2 undivided share of portion of land known as 'Tas-Sabbora' covering an area of 4500s.m.* | *Bugeja Emanuel et* | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|
| Ix-Xewkija<br>*Xewkija* | Plot Nru. 2 magħrufa 'Tas-Sinet tal-Irbiegħi' sive 'Ta' Għar ix-Xiħ' tal-kejl ta' 1,217.76m.k.<br>*Plot No. 2 known as 'Tas-Sinet tal-Irbiegħi' sive 'Ta' Għar ix-Xiħ' covering an area of 1,217.76s.m.* | Laferla Dr Michael et<br>*Laferla Dr Michael et* | LRA873/2024 |

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, L-Amministrazzjoni, Triq ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

Dott. Miriam Rapa, LLD
*għar-Reġistratur tal-Artijiet*

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, The Administration, Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

Dr Miriam Rapa, LLD
*for/Land Registrar*

Il-21 ta' Mejju, 2024

**Nru. 633**

**ATT DWAR SELF TAL-GVERN U L-AMMINISTRAZZJONI TAD-DEJN PUBBLIKU (KAP. 575)**

**Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju**

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull bill tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' Ġunju 2024 u li huwa ppubblikat mill-Accountant General skont u għall-finijiet ta' regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta tal-2017:

21st May, 2024

**No. 633**

**GOVERNMENT BORROWING AND MANAGEMENT OF PUBLIC DEBT ACT (CAP. 575)**

**Notice of Issuance Calendar**

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of June 2024 and is published by the Accountant General in terms of regulation 7 of the Malta Treasury Bills Regulations 2017:

| MONDAY | TUESDAY | WEDNESDAY | THURSDAY | FRIDAY |
|---|---|---|---|---|
| **03** | **04** **TB**<br>Tender Date | **05** | **06** **TB**<br>Issue of 91 days maturing 5 September 2024 & 182 days maturing 5 December 2024 | **07**<br>*Public Holiday* |
| **10** | **11** **TB**<br>Tender Date | **12** | **13** **TB**<br>Issue of 91 days maturing 12 September 2024 & 182 days maturing 12 December 2024 | **14** |
| **17** | **18** **TB**<br>Tender Date | **19** | **20** **TB**<br>Issue of 91 days maturing 19 September 2024 & 182 days maturing 19 December 2024 | **21** |
| **24** | **25** **TB**<br>Tender Date | **26** | **27** **TB**<br>Issue of 91 days maturing 26 September 2024 & 183 days maturing 27 December 2024 | **28** |

Notes: *Note: TB = Treasury Bills*

1. Public Treasury bills auctions are held regularly every week, typically on Tuesdays. Successful bids are settled on the following Thursday on a T+2 settlement cycle.

2. When the auction date, or the settlement date, or any day in between the auction date and the settlement date falls on a non-business day, the auction takes place on the first business day of the same week.

3. Interest (discount) is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids on tender forms which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m (CET) on the auction date. Such bids may either be transmitted by fax on 25967210, or by e-mail at the e-mail addresses prescribed on the application form.

5. Only offers with a definite yield quoted to three (3) decimal places shall be considered.

6. Bids must be for a minimum of €250,000 nominal i.r.o. the 28 day tenor, and €50,000 nominal for other tenors. Above these minimum amounts, bids must be made in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:
1 month = typically 28 days; 3 months = typically 91 days;
6 months = typically 182 days; 9 months = typically 273 days;
12 months = typically 364 days.

8. In the event of pro-rata allocation, the bidder shall accept any portion of the amount tendered, at the same yield as that tendered for the whole amount.

9. The bidders whose tenders are accepted or rejected under the standard auctions will be informed on the same day on which the auction is held.

10. Settlement (T+2) of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m CET on the date on which the relative Bills are dated. Settlement is to be made by bank transfer to the credit of the public account held with Central Bank of Malta as indicated on the Letter of Acceptance.

11. The Accountant General reserves the right not to allot any Treasury bills on offer without assigning any reason. For further information please refer to the Malta Treasury Bills Regulations and the Malta Treasury Bills General Prospectus at (www.treasury.gov.mt).

21st May, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 111**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Il-Mellieħa**

Nhar il-Ħamis, 23 ta' Mejju, 2024 mit-8.00 a.m. sal-11.59 p.m. minn Misraħ il-Parroċċa (għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat)

POLICE NOTICE

**No. 111**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

**Mellieħa**

On Thursday, 23rd May, 2024 from 8.00 a.m. till 11.59 p.m. through Misraħ il-Parroċċa (closure of street and public transport will be affected).

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024 minn nofsillejl sal-11.59 p.m. minn Misraħ il-Parroċċa (għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat).

**Pembroke**

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024, mis-1.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq Napuljun Tagliaferro, Triq Cammilo Sciberras u Triq Mons. Mifsud Tommasi.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Mejju, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 112**

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Birkirkara**

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024, mis-7.00 p.m. sad-8.30 p.m., minn Pjazza Sant'Elena, Triq Santa Liena, Pjazza San Franġisk, Triq il-Kbira u Triq Sant'Elena.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Ħal Kirkop**

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mid-9.15 a.m. sal-10.30 a.m., minn Misraħ Ħal Kirkop, Triq Santu Rokku, Triq Mons. Barbara u Pjazza San Leonardu;

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mis-6.15 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq il-Kbira, Triq Santu Rokku, Pjazza San Leonardu, Triq San Leonardu, Triq San Benedittu u Misraħ Ħal Kirkop.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Il-Gudja**

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju, 2024, mis-6.30 p.m. sad-9.30 p.m., minn Triq iż-Żebbuġa, Triq il-Magħsar, Triq G. Cassar, Triq Bir Miftuħ, Triq V. Dimech, Triq William Baker, Triq il-Kappillan, Triq l-Annunzjata, Triq Raymond Caruana u Triq il-Kbira.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Mejju, 2024

On Friday, 24th May, 2024 from midnight till 11.59 p.m. through Misraħ il-Parroċċa (closure of street and public transport will be affected).

**Pembroke**

On Friday, 24th May, 2024, from 1.00 p.m. till 8.00 p.m., through Triq Napuljun Tagliaferro, Triq Cammilo Sciberras and Triq Mons. Mifsud Tommasi.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

21st May, 2024

POLICE NOTICE

**No. 112**

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

**Birkirkara**

On Friday, 31st May, 2024, from 7.00 p.m. till 8.30 p.m., through Pjazza Sant'Elena, Triq Santa Liena, Pjazza San Franġisk, Triq il-Kbira and Triq Sant'Elena.

Public transport will be affected.

**Ħal Kirkop**

On Sunday, 2nd June, 2024, from 9.15 a.m. till 10.30 a.m., through Misraħ Ħal Kirkop, Triq Santu Rokku, Triq Mons. Barbara and Pjazza San Leonardu;

On Sunday, 2nd June, 2024, from 6.15 p.m. till 8.30 p.m., through Triq il-Kbira, Triq Santu Rokku, Pjazza San Leonardu, Triq San Leonardu, Triq San Benedittu and Misraħ Ħal Kirkop.

Public transport will also be affected.

**Gudja**

On Friday, 7th June, 2024, from 6.30 p.m. till 9.30 p.m., through Triq iż-Żebbuġa, Triq il-Magħsar, Triq G. Cassar, Triq Bir Miftuħ, Triq V. Dimech, Triq William Baker, Triq il-Kappillan, Triq l-Annunzjata, Triq Raymond Caruana and Triq il-Kbira.

Public transport will also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

21st May, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 113**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ir-Rabat, Malta**

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024, mill-5.30 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq Dun Pawl Micallef, Pjazza Santu Wistin u Pjazza Tomba.

Trasport pubbliku jista' jkun affetwat.

**Il-Ħamrun**

Nhar il-Ħadd, 26 ta' Mejju, 2024, mid-9.00 a.m. sad-9.30 a.m., mill-Mużew, minn Triq il-Kanonku Bonici, Triq Villambrosa, Triq Ġużè Maria Camilleri u Triq il-Kapillan Mifsud sal-Knisja. M'hemmx bżonn clearance.

Għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Ħal Kirkop**

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mill-4.45 p.m. sat-8.30 p.m., minn Misraħ Ħal Kirkop quddiem il-kappella tal-Lunzjata.

**Ix-Xagħra**

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024, mill-3.30 p.m. sas-7.00 p.m., minn Triq Jannar u Pjazza l-Vittorja;

Nhar il-Ħadd, 26ta' Mejju, 2024, mit-8.30 a.m. sa nofsinhar, minn Triq Jannar u Pjazza l-Vittorja;

Nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mit-8.00 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq Jannar, Triq Bullara, Triq l-Ispiera u Pjazza l-Vittorja;

Nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju, 2024, mis-5.45 p.m. sad-9.45 p.m., minn Vjal it-8 ta' Settembru, Triq il-Mitħna, Triq l-Imqades u Triq Franġisk Camilleri.

Trasport pubbliku jista' jkun affetwat.

POLICE NOTICE

**No. 113**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

**Rabat, Malta**

On Friday, 24th May, 2024, from 5.30 p.m. till 9.00 p.m., through Triq Dun Pawl Micallef, Pjazza Santu Wistin and Pjazza Tomba.

Public transport may also be affected.

**Ħamrun**

On Sunday, 26th May, 2024, from 9.00 a.m. till 9.30 a.m., from the Museum, from Triq il-Kanonku Bonici, Triq Villambrosa, Triq Ġużè Maria Camilleri and Triq il-Kapillan Mifsud till the church. No clearance needed.

Closure of streets and public transport will be affected.

**Ħal Kirkop**

On Sunday, 2nd June, 2024, from 4.45 p.m. till 8.30 p.m., through Misraħ Ħal Kirkop in front of Lunzjata chapel.

**Xagħra**

On Friday, 24th May, 2024, from 3.30 p.m. till 7.00 p.m., through Triq Jannar and Pjazza l-Vittorja;

On Sunday, 26th May, 2024, from 8.30 a.m. till noon, through Triq Jannar and Pjazza l-Vittorja;

On Sunday, 2nd June, 2024, from 8.00 a.m. till 11.00 a.m., through Triq Jannar, Triq Bullara, Triq l-Ispiera and Pjazza l-Vittorja;

On Friday, 7th June, 2024, from 5.45 p.m. till 9.45 p.m. through Vjal it-8 ta' Settembru, Triq il-Mitħna, Triq l-Imqades, and Triq Franġisk Camilleri.

Public transport may also be affected.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Mejju, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 114**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

**Ħaż-Żebbuġ**

Nhar is-Sibt, 25 ta' Mejju, 2024, mill-11.00 a.m. sa nofsillejl, minn Misraħ San Filippu u Triq Sciortino.

**Ħal Qormi**

Nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024, mis-6.00 p.m. sad-9.30 p.m., minn Triq Bajjada, Triq Karm Debono, Triq il-Kanun u Triq M. A. Vassalli.

**Marsaskala**

Sal-Ħamis, 23 ta' Mejju, 2024, f'nofsillejl, minn Pjazza Dun Tarċis, Triq Sant'Anna u Triq ix-Xatt.

Dħul u ħruġ ta' trasport pubbliku huwa projbit mill-5.00 p.m. sal-11.00 p.m.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Mejju, 2024

TRANSPORT MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru. 14 tal-2024**

*Taħriġ ta' sparar fuq il-baħar – Gunex 02/2024*

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta jgħarraf li l-Forzi Armati ta' Malta għandhom iwettqu taħriġ ta' sparar fuq il-baħar jew minn Pembroke Ranges (LM-D01) jew fin-Nofsinhar ta' Malta (LM-D05) bejn it-Tnejn, 27 ta' Mejju, 2024 u l-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024.

Iż-żona li se tintuża fil-ġurnata tkun iddeterminata mill-kundizzjonijiet prevalenti tat-temp.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

21st May, 2024

POLICE NOTICE

**No. 114**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

**Ħaż-Żebbuġ**

On Saturday, 25th May, 2024, from 11.00 a.m. till midnight, through Misraħ San Filippu and Triq Sciortino.

**Ħal Qormi**

On Thursday, 30th May, 2024, from 6.00 p.m. till 9.30 p.m., through Triq Bajjada, Triq Karm Debono, Triq il-Kanun and Triq M. A. Vassalli.

**Marsaskala**

Till Thursday, 23rd May, 2024, at midnight, through Pjazza Dun Tarċis, Triq Sant'Anna and Triq ix-Xatt.

Entrance and exit of public transport is prohibited from 5.00 p.m. till 11.00 p.m.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

21st May, 2024

TRANSPORT MALTA

**Notice to Mariners No. 14 of 2024**

*Live firing practice exercise at sea – Gunex 02/2024*

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that the Armed Forces of Malta shall conduct a live firing practice exercise at sea from either Pembroke Ranges (LM-D01) or south of Malta (LM-D05) between Monday, 27th May, 2024 and Friday, 31st May, 2024.

The area to be used on the day will be determined by the prevalent weather conditions.

It-taħriġ isir f'wieħed mill-oqsma kif imsemmi hawn taħt:

Nhar it-Tnejn, 27 ta' Mejju, u t-Tlieta, 28 ta' Mejju, 2024, mit-8.00 a.m. sas-4.00 p.m., ħin lokali, (6.00 a.m. sa 2.00 p.m. UTC);

Nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, u l-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m., ħin lokali, (6.00a.m. sal-11.00 a.m. UTC).

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju, 2024, hija indikata bħala data ta' riserva.

Jekk f'xi jum LM-D05 jiġi attivat, il-ħinijiet jistgħu jvarjaw minn dawk mogħtija hawn fuq.

F'Pembroke Ranges LM-D01 (Pembroke High)

Mill-Pożizzjoni A

| *Latitudni (T)* | *Lonġitudni (L)* |
|---|---|
| 35° 55'.900 | 014° 28'.533 |

minn hemm fuq direzzjoni ta' 335° True x 8.5 mili nawtiċi sa:

Pożizzjoni B:

| *Latitudni (T)* | *Lonġitudni (L)* |
|---|---|
| 36° 03'.620 | 014° 24'.100 |

minn hemm fuq ark ta' raġġ ta' ċirku ta' 8.5 mili nawtiċi ċċentrat fuq il-Pożizzjoni A għal:

Pożizzjoni Ċ:

| *Latitudni (T)* | *Lonġitudni (L)* |
|---|---|
| 36° 00'.150 | 014° 37'.600 |

minn hemm fuq direzzjoni ta' 240° True għal Pożizzjoni A.

Il-bastimenti kollha fil-viċinanzi għandhom jipproċedu b'kawtela u jżommu mill-inqas tmien mili nawtiċi u nofs (8.5NM) 'il barra mill-Kosta ta' Pembroke, fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-baħħara huma avżati wkoll li ġiet stabbilita mogħdija ta' erba' mili nawtiċi (4NM) bejn il-kosta u l-linja M sa N (kif muri fuq chart A fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) għall-użu tal-bastimenti kollha fid-dati u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq. Kull

The exercise will take place within either of the areas as mentioned below as follows:

On Monday, 27th May, and Tuesday, 28th May, 2024, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m., local time, (from 6.00 a.m. till 2.00 p.m. UTC);

On Wednesday, 29th May, and Thursday, 30th May, 2024, from 8.00 a.m. till 1.00 p.m., local time, (from 6.00 a.m. till 11.00 a.m. UTC).

Friday, 31st May, 2024, is designated as a reserve date.

If on any day LM-D05 is to be activated the timings may vary from those given above.

At Pembroke ranges LM-D01 (Pembroke High)

From Position A:

| *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|
| 35° 55'.900 | 014° 28'.533 |

thence on a bearing of 335° True x 8.5 nautical miles to:

Position B:

| *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|
| 36° 03'.620 | 014° 24'.100 |

thence on an arc of a circle radius 8.5 nautical miles centred on Position A to:

Position C:

| *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|
| 36° 00'.150 | 014° 37'.600 |

thence on a bearing of 240° True to Position A.

All vessels in the vicinity must proceed with caution and keep at least eight and a half nautical miles (8.5NM) off the Pembroke Coast, on the dates and times indicated.

Mariners are also informed that a corridor of four nautical miles (4NM) between the coast and the line M to N (as shown on the attached chart A) has been established for the passage of all vessels on the abovementioned dates and times. Any vessel intending to transit through this corridor

bastiment li se jgħaddi minn din il-mogħdija f'dawn il-ħinijiet għandu jikkomunika ma' VHF Channel 69 Malta VTS, għall-approvazzjoni finali qabel ma jidħol fiż-żona.

| | *Latitudni (T)* | *Lonġitudni (L)* |
|---|---|---|
| M | 36° 02'.869 | 014° 24'.532 |
| N | 35° 58'.387 | 014° 33'.834 |

Fin-Nofsinhar ta' Malta LM-D5 (MELITA). L-eżerċizzju se jsir f'żona ċirkolari ta' raġġ ta' 8 mili nawtiċi, iċċentrat fuq il-punt Z:

Pożizzjoni Z:

| *Latitudni (T)* | *Lonġitudni (L)* |
|---|---|
| 35° 30'.500 | 014° 11'.000 |

kif muri muri fuq chart B fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq il-bastimenti kollha fil-viċinanzi għandhom jipproċedu b'kawtela, huma avżati li jagħtu spazju wiesa' liż-żoni ta' taħriġ u josservaw f'kull ħin kull struzzjoni mogħtija minn inġenji tal-AFM li jagħmlu rondi fiż-żona u mill-Valletta VTS fuq VHF Channel 12.

Charts affettwati: BA 194, 2124, 2537 u 2538

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

Il-21 ta' Mejju, 2024

L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tagħmel sejħa biex timpjega fuq bażi full-time:

Uffiċjali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
Permess ta' Jobsplus: 418/2020

Uffiċjali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Trainees)
Permess ta' Jobsplus: 196/2024

Skrivani
Permess ta' Jobsplus: 107/2024

Manager (HR and Administrative Support)
Permess ta' Jobsplus: 346/2024

Manager (Procurement)
Permess ta' Jobsplus: 430/2024

within these times is to communicate on VHF Channel 69 Malta VTS, for final approval prior to entering the area.

| | *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|---|
| M | 36° 02'.869 | 014° 24'.532 |
| N | 35° 58'.387 | 014° 33'.834 |

At south of Malta LM-D5 (MELITA). The exercise will be held within a circular area of 8 nautical mile radius, centred on point Z:

Position Z:

| *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|
| 35° 30'.500 | 014° 11'.000 |

as shown on chart B found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)

In view of the above all vessels in the vicinity must proceed with caution, they are advised to give the exercise areas a wide berth and comply at all times with any instructions given by AFM craft patrolling the area and by Valletta VTS on VHF Channel 12.

Charts affected: BA 194, 2124, 2537 and 2538

Positions referred to WGS 84 DATUM

21st May, 2024

OCCUPATIONAL HEALTH AND SAFETY AUTHORITY

The Occupational Health and Safety Authority is seeking to recruit individuals for the full-time posts of:

OHS Officers I
Jobsplus Permit: 418/2020

OHS Officer (Trainees)

Jobsplus Permit: 196/2024

Clerks
Jobsplus Permit: 107/2024

Manager (HR and Administrative Support)
Jobsplus Permit: 346/2024

Manager (Procurement)
Jobsplus Permit: 430/2024

Manager (EU Affairs, Policy Dev. and Prog. Implementation)
Permess ta' Jobsplus: 431/2024

Manager (Communications and PR)
Permess ta' Jobsplus: 486/2024

Aktar dettalji, inkluż id-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-ħtiġijiet ta' kwalifiki u kif tapplika, jistgħu jitniżżlu mit-Taqsima tal-Impieg fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità (https://www.ohsa.mt/recruitment)

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju, 2024, fl-4.00 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew).

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol toffri opportunitajiet indaqs ta' xogħol.

Il-21 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Espressjoni ta' Interess għal servizzi ta' Research Support Officer abbażi ta' kuntratt għal servizz**

It-Taqsima tar-Riċerka u l-Evalwazzjoni Interna tal-Iskejjel fi ħdan id-Dipartiment għall-Istrateġija fl-Edukazzjoni u l-Ħarsien tal-Kwalità qed tirċievi applikazzjonijiet mingħand persuni eliġibbli sabiex jagħtu s-servizz tagħhom bħala Research Support Officer fil-proġett imsejjaħ Maltese National Assessment of Social-Emotional Wellbeing and Academic Learning Skills (Maltese SEWALS), li qed jitmexxa miċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali fi ħdan l-Università ta' Malta, b'kollaborazzjoni ma' MEYR.

**Termini u Kundizzjonijiet**

1. Is-Servizzi se jiġu provduti abbażi ta' kuntratt għal servizz.

2. In-numru ta' sigħat ta' servizz meħtieġ huwa ta' massimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-kuntratt ta' servizz se jkun twil 18-il xahar, li jista' jiġi mġedded. Il-ħlas se jkun kif ġej:

€12.36 fis-siegħa għal dawk bi grad ta' Baċċellerat bl-Unuri;

€13.86 fis-siegħa għal dawk bi grad ta' Master's;

€15.50 fis-siegħa għal dawk fil-pussess ta' PhD.

3. Ir-rati kollha huma esklużi mill-VAT. Ir-rati huma inklużivi u mhux se jingħataw konċessjonijiet ta' ħlasijiet oħra.

Manager (EU Affairs, Policy Dev. and Prog. Implementation)
Jobsplus Permit: 431/2024

Manager (Communications and PR)
Jobsplus Permit: 486/2024

Vacancy details, including duties and responsibilities, terms of engagement, qualification requirements and mode of application may be downloaded from the Recruitment Section (https://www.ohsa.mt/recruitment).

Applications are to be received by Friday, 14th June, 2024, at 4.00 p.m. (Central European Time).

The Occupational Health and Safety Authority is an equal opportunities employer.

21st May, 2024

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

**Expression of interest for the services of Research Support Officers on a contract for service basis**

The Research and School Internal Review Unit within the Education Strategy and Quality Assurance Department will be receiving applications from eligible persons for the provision of the services of Research Support Officers to work on the project entitled Maltese National Assessment of Social-Rmotional Wellbeing and Academic Learning Skills (Maltese SEWALS), which is being conducted by the Centre for Resilience and Socio-Emotional Health within the University of Malta, in collaboration with MEYR.

**Terms and Conditions**

1. Services will be provided on a contract for service basis.

2. The number of hours of service required is a maximum of 20 hours per week. The duration of these contracts for service is 18 months, which may be renewed. Remuneration will be as follows:

€12.36 per hour for those with a Bachelor Honours degree

€13.86 per hour for those in possession of a Master's degree;

€15.50 per hour for those in possession of a PhD.

3. All rates are excluding VAT.Rates are all inclusive and no other allowances will be given.

4. L-Uffiċjal tar-Riċerka se jkun meħtieġ li jipprovdi parti mis-servizzi tiegħu għal dan il-proġett fil-kampus tal-Università ta' Malta fil-ħinijiet tal-uffiċċju. Barra minn hekk, parti mis-sigħat ta' servizz se jkun meħtieġ li jsiru fl-iskejjel, fil-ħinijiet tal-iskola. Għaldaqstant, l-applikanti magħżula se jkunu mistennija li jagħmlu l-arranġamenti tagħhom biex jiġu rilaxxati mill-post tax-xogħol tagħhom.

5. L-Uffiċjal tar-Riċerka jirrapporta direttament lid-Direttur taċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali fi ħdan l-Università ta' Malta.

**Rekwiżiti**

L-applikanti għandu jkollhom dan li ġej:

Mill-inqas Grad ta' Baċċellerat bl-Unuri (180 ECTS; Livell 6 tal-MQF) fl-Edukazzjoni jew ix-Xjenzi Soċjali jew f'qasam relatat;

Preferabbilment esperjenza ta' ħidma fuq proġetti ta' riċerka relatati mal-edukazzjoni u/jew il-benesseri tat-tfal u ż-żgħażagħ jew oqsma relatati;

Esperjenza ta' riċerka li tinvolvi kemm disinn u metodi kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi;

Kapaċi jaħdem b'mod indipendenti kif ukoll bħala parti minn tim;

Ħiliet tajbin ta' komunikazzjoni, kemm fit-taħdit u fil-kitba (għarfien tajjeb tal-lingwa Ingliża u tal-lingwa Maltija huma essenzjali);

Ħiliet maniġerjali tajbin.

**Dmirijiet**

Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ewlenin tal-persuni maħtura se jikkonsistu f'assistenza għar-riċerka u l-ġestjoni tal-proġett li jinkludu:

a.Twettiq ta' attivitajiet ta' riċerka bħal ġbir ta' data, analiżi ta' data u kitba ta' rapporti, kif ordnat mid-Direttur taċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali, fi ħdan l-Università ta' Malta;

b. Produzzjoni ta' riżultati tanġibbli u rapporti relatati fil-perjodu taż-żmien stipulat kif speċifikat fil-proposta tal-proġett;

c. Żamma ta' rapporti ta' progress dettaljati, u konformità mal-kundizzjonijiet kollha imposti mill-proġett;

d. Twettiq ta' kwalunkwe kompitu ieħor skont struzzjonijiet tad-Direttur taċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Soċjo-Emozzjonali, fi ħdan l-Università ta' Malta;

4. The Research Officer will be required to provide part of their services for this project at the University of Malta campus during office hours. Furthermore, part of the service hours will be required to take place at schools, during school hours. For this purpose, selected applicants will be expected to make their own arrangements to be released from their place of work.

5. The Research Officer will report directly to the Director Centre for Resilience and Socio-Emotional Health within the University of Malta.

**Eligibility Requirements**

Applicants should have the following:

Hold at least a Bachelor Honours Degree (180ECTS; MQF Level 6) in Education or Social Sciences or a related area;

Preferably have experience of working on research projects related to children and young people's education and/or wellbeing or related areas;

Have experience of research involving both quantitative and qualitative design and methods;

Should be able to work both independently and as a member of a team;

Have good communication skills, both oral and written (a good command of the English and Maltese languages are essential);

Have good managerial skills.

**Duties**

The main duties and responsibilities of the appointees will consist of carrying out research and project management assistance including:

a. performing research activities such as data collection, data analysis and report writing, as directed by the Director Centre for Resilience and Socio-Emotional Health, within the University of Malta.

b. producing deliverables and related reports within the stipulated time frames as specified in the project proposal;

c. keeping detailed progress reports and abide to all the conditions imposed by the project;

d. performing any other tasks as instructed by the Director Centre for Resilience and Socio-Emotional Health, within the University of Malta;

e. It-Taqsima tar-Riċerka u l-Kwalità Interna tal-Iskejjel, fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, għandha tinżamm aġġornata mal-iżviluppi tal-proġetti, fuq bażi ta' kull xahar.

**Sottomissjonijiet tal-Applikazzjoni**

L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi fuq (https://edurecruitment.gov.mt) sa nofsinhar tal-Erbgħa, 5 ta' Ġunju, 2024. Mistoqsijiet dwar is-servizzi speċifikament meħtieġa u l-kundizzjonijiet jistgħu jintbagħtu bil-posta elettronika lil (jeannine.vassallo@gov.mt) jew bin-numru tattelefown 2598 2284.

Il-21 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

**Espressjoni ta' Interess għas-servizzi ta' Analisti tad-Data fuq bażi ta' kuntratt għal servizz**

It-Taqsima tar-Riċerka u l-Evalwazzjoni Interna tal-Iskejjel fi ħdan id-Dipartiment għall-Istrateġija fl-Edukazzjoni u l-Ħarsien tal-Kwalità qed tirċievi applikazzjonijiet mingħand persuni eliġibbli sabiex jagħtu s-servizz tagħhom bħala Analista tad-Data fuq bażi ta' kuntratt għal servizz. Il-kuntratt huwa validu għal sena u r-rata tal-ħlas hija ta' €15.64 fis-siegħa bil-VAT eskluża.

L-applikanti għandu jkollhom dan li ġej:

Grad ta' Baċellerat fl-Istatistika, JEW fil-Matematika, JEW fix-Xjenza tad-Data, jew qasam relatat (Livelli ogħla ta' edukazzjoni se jitqiesu ta' benefiċċju);

Proficjenza fis-software tal-istatistika (SPSS, R) u ħiliet tajba ħafna fl-Excel;

Esperjenza bil-metodoloġiji tal-analiżi tad-data (ittestjar tal-ipotesi, analiżi ta' rigressjoni, eċċ.);

Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni u preżentazzjoni;

Kapaċità li jaħdem b'mod indipendenti u bħala parti minn tim;

Esperjenza fil-Python scripting għall-analiżi tad-data hija meqjusa bħala vantaġġ għall-applikant;

Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet se jinkludu:

It-tindif u l-validazzjoni tad-data minn diversi sorsi (databases, stħarriġiet, eċċ.);

e. Keeping the Research and School Internal Review Unit, within the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, abreast with project developments, on a monthly basis.

**Submission of Applications**

Applications can be submitted at (https://edurecruitment.gov.mt) until noon of Wednesday, 5th June, 2024. Enquiries about specific services required and conditions may be sent by email to (jeannine.vassallo@gov.mt) or by telephone number 2598 2284.

21st May, 2024

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

**Expression of interest for the services of Data Analysts on a contract for service basis**

The Research and School Internal Review Unit within the Education Strategy and Quality Assurance Department will be receiving applications from eligible persons for the provision of the services of Data Analysts on a contract for service basis. The duration of the contract will be one year the hourly rate €15.64 excluding VAT.

Applicants are to have the following:

Bachelor's degree in Statistics OR in Mathematics OR in Data Science, or a related field (Higher levels of education will be considered beneficial);

Proficiency in statistical software (SPSS, R) and strong Excel skills;

Experience with data analysis methodologies (hypothesis testing, regression analysis, etc.);

Excellent communication and presentation skills;

Ability to work independently and as part of a team;

Experience with Python scripting for data analysis is considered as an asset;

Duties and Responsibilities will include:

Cleaning and validating data from various sources (databases, surveys, etc.);

L-użu ta' ħiliet b'saħħithom fil-manipulazzjoni tad-data u fil-viżwalizzazzjoni, inkluż l-użu ta' software bħal SPSS, Power BI, Excel;

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudelli statistiċi biex jiġu identifikati xejriet u mudelli;

Komunikazzjoni tas-sejbiet b'mod effettiv permezz ta' rapporti u preżentazzjonijiet ċari u konċiżi;

Kollaborazzjoni ma' timijiet transfunzjonali biex l-għarfien tad-data jissarraf f'rakkomandazzjonijiet azzjonabbli;

Il-kitba u ż-żamma tal-Python scripts biex jawtomatizzaw il-kompiti tal-ipproċessar tad-data (meqjusa bħala vantaġġ għall-applikant).

L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu fuq is-sit (https://edurecruitment.gov.mt) sa nofsinhar tal-Erbgħa, 5 ta' Ġunju, 2024. Mistoqsijiet dwar is-servizzi speċifikament meħtieġa u l-kundizzjonijiet jistgħu jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (jeannine.vassallo@gov.mt) jew bin-numru tat-telefown 2598 2284.

Il-21 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**

*Skema Nazzjonali għall-Benesseri tal-Majjal*

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), nediet skema għall-benesseri tal-majjal bil-għan li tingħata għajnuna finanzjarja lir-raħħala Maltin u Għawdxin li b'mod volontarju jkomplu jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-majjala fl-azjendi agrikoli tagħhom.

Din l-iskema hija ffinanzjata bis-sħiħ minn Fondi Nazzjonali u l-għajnuna finanzjarja pprovduta taħt din l-iskema qiegħda tingħata fuq medda ta' ħames (5) snin (2021-2025) lil dawk ir-raħħala fis-settur tal-majjal li volontarjament iżidu l-ispazju ta' fejn jinżammu l-majjala fuq l-azjendi tagħhom. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu konformi mad-dimensjonijiet stabbiliti mid-Diviżjoni tar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD), u li jinsabu stipulati fil-linji gwida dettaljati għal din l-iskema. Il-pagamenti se jingħataw għal kull majjala eliġibbli li qed tibbenefika minn tali żieda fl-ispazju taħt din l-iskema.

Il-benefiċjarji kuntrattati qegħdin jiġu mitluba biex jimlew l-applikazzjoni għas-sena 2024 u jibagħtuha bil-posta lill-ARPA fl-envelop li qiegħed jiġi pprovdut mal-istess applikazzjoni sa mhux iktar tard mill-10 ta' Ġunju, 2024.

Utilizing strong data manipulation and visualization skills, including using software like SPSS, Power BI, Excel;

Developing and implementing statistical models to identify trends and patterns;

Communicating findings effectively through clear and concise reports and presentations;

Collaborating with cross-functional teams to translate data insights into actionable recommendations;

Writing and maintaining Python scripts to automate data processing tasks (considered as an asset).

Applications can be submitted at (https://edurecruitment.gov.mt) until noon of Wednesday, 5th June, 2024. Enquiries about specific services required and conditions may be sent by email to (jeannine.vassallo@gov.mt) or by telephone number 2598 2284.

21st May, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

**The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA)**

*National Pig Welfare Scheme*

The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA), within the Ministry for Agriculture, Fisheries, and Animal Rights (MAFA), has launched a pig welfare scheme with the aim of providing financial assistance to Maltese and Gozitan livestock farmers who voluntarily undertake actions which serve to improve the living conditions of pigs on their farms.

This scheme is entirely funded through National Funds and the financial assistance provided under this scheme is being granted over a period of five (5) years (2021-2025) to those pig farmers who voluntarily increase the living space for sows and gilts on their holdings. These actions must be in line with the dimensions set out by the Division of Veterinary Regulation (VRD), which are stipulated in the detailed guidelines for this scheme. Payments will be provided for each eligible pig benefitting from an increase in living space under this scheme.

The contracted beneficiaries are required to fill in the application for the year 2024 sent by post which needs to be mailed to ARPA using the enclosed self-addressed envelope by no later than the 10th of June, 2024.

Aktar informazzjoni dwar din l-iskema tista' tinkiseb mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) permezz ta' ittra elettronika lil (arpa.mafa@gov.mt) jew permezz tan-numru tat-telefown 2292 6148. Linji gwida dettaljati għal din l-iskema jinkisbu mis-sit elettroniku tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt).

Il-21 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**

*Talbiet għall-Pagamenti għall-Appoġġ biex Tikkumpensa għaż-Żieda fil-Prezzijiet tal-Għalf*

Il-Kummissjoni Ewropea introduċiet qafas għal miżuri ta' Għajnuna Finanzjarja Temporanja mill-Istat minħabba l-impatt tal-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna biex jiġu appoġġjati r-raħħala u intrapriżi żgħar u medji (SMEs) partikolarment affettwati.

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), qiegħda tavża li d-data tal-għeluq għal talbiet ta' Għajnuna Finanzjarja Temporanja mill-Istat lill-bdiewa se testendi sal-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.

Sabiex raħħal ikun eliġibbli jrid ikun jaqa' taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin:

Raħħal irreġistrat mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) u li bbenefika mill-iskema tal-Appoġġ Akoppjat għall-Introjtu (CIS) tal-ħalib fis-sena 2023;

Raħħal irreġistrat mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) u li bbenefika mill-iskema tal-Appoġġ Akoppjat għall-Introjtu (CIS) taċ-ċanga fis-sena 2023;

Raħħal irreġistrat mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) u li bbenefika mill-iskema tal-Appoġġ Akoppjat għall-Introjtu (CIS) tan-nagħaġ fis-sena 2023;

Raħħal irreġistrat mad-Direttorat għar-Regolazzjoni Veterinarja (VRD) li kellu mill-inqas 20 mogħża mara sal-31 ta' Diċembru, 2023.

L-applikanti għandhom jissottomettu Formola ta' Pagament Bankarju valida lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA).

It-talbiet għall-pagamenti se jintlaqgħu sa mhux aktar tard min nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.

Further information regarding this scheme may be obtained from the Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA) by email to (arpa.mafa@gov.mt) or by telephone number 2292 6148. The detailed guidelines for this scheme may be accessed from the Agency's website (www.arpa.gov.mt).

21st May, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

**The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA)**

*Payment Claims for Support to Compensate for the Increase in the Prices of Fodder*

The European Commission has introduced a temporary framework on State Aid in response to the impact of Russia's invasion of Ukraine to help the farmers and small companies which were particularly impacted.

The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA), within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights (MAFA), notifies livestock farmers that the deadline for the submission of the Temporary Financial State Aid Application is being extended until Friday, 24th May, 2024.

In order to be eligible, livestock farmers will have to fall within one of the following categories:

Farmers registered with dairy farms with the Veterinary Regulation Directorate (VRD) who benefitted from the CAP CIS milk scheme in claim year 2023;

Farmers registered with beef farms with the Veterinary Regulation Directorate (VRD) who benefitted from the CAP CIS beef scheme in claim year 2023;

Farmers registered with sheep farms with the Veterinary Regulation Directorate (VRD) who benefited from the CAP CIS sheep scheme in claim year 2023;

Farmers registered with goat farms with the Veterinary Regulation Directorate (VRD) with at least 20 female heads by 31st December, 2023.

Applicants must submit a valid Bank Payment Form to the Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA).

Payment claims will be accepted not later than the extended date which is Friday, 24th May, 2024.

Il-benefiċjarji eliġibbli li rċevew l-applikazzjoni bil-posta għandhom jimlewha u jibagħtuha bil-posta lill-ARPA fl-envelop li qiegħed jiġi pprovdut mal-istess applikazzjoni.

Għal aktar informazzjoni wieħed jista':

iżur is-sit elettroniku tal-Aġenzija (www.arpa.gov.mt);
iċempel bin-numru tat-telefown 2292 6148;
jibgħat ittra elettronika lil (arpa.mafa@gov.mt).

Il-21 ta' Mejju, 2024

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

**Avviż**

Ngħarrfu illi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467) u skont l-artikolu 43 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), b'ordni tal-Uffiċjal Reviżur sar dan it-tnaqqis fir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea ppubblikat fl-20 ta' April, 2024.

TNAQQIS

Petroni Michael – 0262495M – 100, Triq is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ (M)

Wicker Catherine Germaine Sophie – 0102083A – N11, The Quay, Ix-Xatt Ta' Xbiex, Ta' Xbiex

Il-21 ta' Mejju, 2024

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

**Avviż**

Ngħarrfu illi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 43 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), b'ordni tal-Uffiċjal Reviżur saru dawn iż-żidiet, tnaqqis u korrezzjonijiet fir-Reġistru Elettorali ppubblikat fl-20 ta' April, 2024.

TNAQQIS

De Raymond Alain Regine E. – 0082264A – Fl 5, Triq il-Watar, Blk A3, Ta' Xbiex

Debono Raymond – 0326156M – 34, Triq il-Lunzjata, Tas-Sliema

Strandquist Patrik Karl Henry– 0348502A – 20, Aurora, Triq Ta' Marmora, San Ġwann

Whiteford Alexander Anthony Gialanze – 0044501L – Carmel, Fl 3, Triq l-Alwetta, Il-Mosta

Spampinato Giuseppe – 0023731A – Fl 2, Triq Nerik Sant, Blk B2, P/M Ħaż-Żebbuġ (M)

Camilleri Donna – 0457586M – Fl 15, Trejqet il-Ward, Bik 14, Bieb l, Santa Luċija

The eligible beneficiaries will need to complete the prefilled application they received by mail and submit it to ARPA using the enclosed self-addressed envelope.

For more information one may:

visit the Agency's website on (www.arpa.gov.mt);
call on telephone number 2292 6148;
send an email to (arpa.mafa@gov.mt).

21st May, 2024

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT (CAP. 467)

**Notice**

In terms of article 13 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467) and in accordance with article 43 of the General Elections Act (Cap. 354), it is notified that by order of the Revising Officer, the following deletions were made in the European Union Electoral Register published on the 20th April, 2024.

DELETIONS

21st May 2024

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

**Notice**

In terms of article 43 of the General Elections Act (Cap. 354), it is notified that by order of the Revising Officer, the following additions, deletions and corrections were made in the Electoral Register published on the 20th April, 2024.

DELETIONS

Gauci Sage – 0141699M – 46, Fl 5, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta

Nicolic Cindie Aurelie – 0151281A – 32, Dragonara Mansions, Blk C, Fl 10, Triq Forrest, San Ġiljan

Grech Michelina k/a Lina – 0159061M – 22, Charlin, Triq Zondadari, Ir-Rabat (M)

Camilleri Charlot – 0039582M – 204, Triq Sammat, Ħal Tarxien

Vella Stefan – 0074678M – 32, Lucy, Fl 2, Triq Tal-Kubrit, Il-Gżira

Cassar Jean Claude – 0178694M – Wilfred, Fl 3, Triq l-Isptar Navali, Il-Kalkara

Spiteri Charlton – 0409293M – 76, Twins Crt, Fl 1, Triq Sant'Ubaldeska, Paola

CORRECTIONS KORREZZJONIJIET

Jameson Gary Colin – 0057399A – 2A, Triq Bir ir-Riebu, Sqaq Nru l, Ir-Rabat (M)
għandu jinqara – *should read*
Jameson Gary Colin – 0057399A – 41, Triq il-Ġdida, Is-Siġġiewi

Mangion Graziella – 0437899M – Binja Silvio Parnis, Fl 231, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – *should read*
Mangion Graziella – 0437899M – 93, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi

Longden Rita – 0570258M – Binja Silvio Parnis, Mais 702, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi
għandha tinqara - should read
Longden Rita – 0570258M – 39, St Mary's Fl 3, Triq Nicolo Baldacchino, Is-Siġġiewi.

Cauchi Gordon – 0440881M – Binja Silvio Parnis Fl 253, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Cauchi Gordon – 0440881M –33, Fl 4, Triq iż-Żerniq, Block 2, Door B, Is-Siġġiewi

Grech Melaine – 0406579M – Binja Silvio Parnis Fl 124, Triq l-Imdina, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – *should read*
Grech Melaine – 0406579M – 28, Antonio, Triq il-Kus, Ħal Qormi

Pace Geoffrey – 0250676M – Binja Silvio Parnis Fl 233, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Pace Geoffrey – 0250676M –21, Quartidi, Triq l-Isqof Scicluna, Ħal Qormi

Farrugia Josephine – 0329363M – Binja Silvio Parnis Fl 712, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – should read
Farrugia Josephine – 0329363M – Liberty Fl 3E, Triq iż-Żirżieb, Xlendi, Il-Munxar

Miniussi Jaeden – 0192605L – Binja Silvio Parnis Fl 612, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – should read
Miniussi Jaeden – 0192605L – 45, Triq Sant'Andrija, Ħal Luqa

Mula Louis – 0207759M – Binja Silvio Parnis Mais 502, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Mula Louis – 0207759M – 53, Fl 2, Triq id-Dragun, Ħal Qormi

Zammit Rodeen – 0295493M – Binja Silvio Parnis Fl 424, Triq l-Imdina, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Zammit Rodeen – 0295493M – 411, Il-Ġnien, Blk C, Savina, Vjal l-Indipendenza, lż-Żurrieq

Zammit Clint Paul – 0127983M – Binja Silvio Parnis Fl 241, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Zammit Clint Paul – 0127983M – Fl 5, Triq Guliermo Lorenzi, Binja D, Ent C, P/M Iż-Żebbuġ (M)

Camenzuli Nicholas – 0003363M – Binja Silvio Parnis Fl 454, Triq l-Imdina, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Camenzuli Nicholas – 0003363M –92, St Michael, Triq il-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ (M)

Attard Brandon – 0520992M – Binja Silvio Parnis Fl 723, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Attard Brandon – 0520992M – 94, Triq il-Kanun, Santa Venera

Camenzuli Eugenio – 0014359M – Binja Silvio Parnis Fl 135, Triq l-Imdina, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Camenzuli Eugenio – 0014359M – Fl 2, Triq Dun Anton Vella, Binja Hesri, Ent J. Is-Siġġiewi

Cardona Josephine – 0539071M – Binja Silvio Parnis Fl 252, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – *should read*
Cardona Josephine – 0539071M – 38, Triq Dun Marju, Ħal Qormi

Schembri Russell – 0437487M – Binja Silvio Parnis Fl 132, Triq l-Imdina, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Schembri Russell – 0437487M – 14, Fl 4, Triq San Tumas, Floriana

Theuma Janice – 0188299M – Binja Silvio Parnis Fl 243, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – *should read*
Theuma Janice – 0188299M – 48, Triq iċ-Ċeżalpina, Birkirkara

Chircop Emanuel – 0550587M – Binja Silvio Parnis Fl 331, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Chircop Emanuel – 0550587M – 17, Triq San Ġorġ, Ħal Qormi.

Zammit Francois – 0590885M – Binja Silvio Parnis Fl 713, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Zammit Francois – 0590885M – 9, Carmen, Triq G. Depasquale, Ħal Qormi

Thake Rosette – 0221668M – 2, Triq Bir ir-Riebu, Sqaq Nru. l, Ir-Rabat (M)
għandha tinqara – *should read*
Thake Rosette – 0221668M – 41, Triq il-Ġdida, Is-Siġġiewi

Formosa Rina – 0012878M – Binja Silvio Parnis Fl 612, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi
għandha jinqara – *should read*
Formosa Rina – 0012878M – 45, Triq Sant' Andrija, Ħal Luqa

Mifsud Angela – 0336260M – Binja Silvio Parnis Mais 501, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi
għandha jinqara – *should read*
Mifsud Angela – 0336260M – 48, Fl 12, Triq Sir Ugo Mifsud, Ħal Luqa

Azzopardi Francis – 0357852M – Binja Silvio Parnis Fl 423, Triq l-Imdina, Is-Siġġiewi
għandu jinqara – *should read*
Azzopardi Francis –0357852M – 33, Fl 1, Triq iż-Żerniq, Block 2, Door B, Is-Siġġiewi

Pace Mary – 0320578M – Binja Silvio Parnis Fl 233, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – *should read*
Pace Mary – 0320578M – 21, Quartidi, Triq l-Isqof Scicluna, Ħal Qormi

Cini Maria – 0476092M – Binja Silvio Parnis Fl 632, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi
għandha tinqara - *should read*
Cini Maria – 0476092M – Marian Fl l, Triq il-Wied, Ħal Qormi

Debono Jeanette – 0391276M – Binja Silvio Parnis Fl 232, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – *should read*
Debono Jeanette – 0391276M – 2, Debono, Sqaq San Pietru Nru l, Ħal Qormi

Delia Diane – 0299792M – Binja Silvio Parnis Fl 434, Triq l-Imdina, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – *should read*
Delia Diane – 0299792M – 20, Almandine, Triq Sir Luigi Camilleri, San Ġwann
Downham Ralph – 0026849M – 439, Fl 3, Triq D'Argens, Tas-Sliema
għandu jinqara – *should read*
Downham Ralph – 0026849M – 439, Fl 3, Triq D'Argens, Il-Gżira

Galea Shirley – 0022902L – Binja Silvio Parnis Fl 622, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – *should read*
Galea Shirley – 0022902L –11, St Nicholas, Fl 4, Triq Nikol Azzopardi, Is-Siġġiewi

Bugeja Cynthia – 0347281M – Binja Silvio Parnis Mais 701, Triq Dun Manwel Zammit, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – *should read*
Bugeja Cynthia – 0347281M – 2, Holy Mary, Triq Stagno, Ħal Qormi

Mallia Maria Theresa – 0269287M – Binja Silvio Parnis Fl 242, Triq it-Tabib Nikol Zammit, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – *should read*
Mallia Maria Theresa – 0269287M – 22, Redeemer, Triq id-Demnuq, Is-Siġġiewi.

Zammit Josephine – 0234856M – Binja Silvio Parnis, Fl 432, Triq l-Imdina, Is-Siġġiewi
għandha tinqara – *should read*
Zammit Josephine – 0234856M – 9, Carmen, Triq G. Depasquale, Ħal Qormi

ŻIDIET

Cauchi Joseph – 0657043M – Alipori, Fl 2, Trejqet il-Lixka, San Pawl il-Baħar

Aquilina Raymond – 0765559M – 50, Morning Dew, Triq is-Swatar, Is-Swatar, L-Imsida

Henderson Ian – 0402352M – 84, St Rita Apts, Fl. 5, Triq San Ġwann, Ħal Għargħur

Il-21 ta' Mejju, 2024

KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

**Sospensjoni ta' Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali s-Swieqi jgħarraf illi ħadd ma jista' jipparkja mill-10.00 a.m. sa nofsillejl fl-imsemmija dati u triq:

Bejn il-Ħamis, 23 ta' Mejju, 2024 u l-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024, fi Triq G. Bessiera

Vetturi li jiksu l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Mejju, 2024

ADDITIONS

21st May 2024

SWIEQI LOCAL COUNCIL

**Parking Suspension**

The Swieqi Local Council notifies that from 10.00 a.m. till midnight no vehicles will be allowed to park in the below mentioned dates and street:

Between Thursday, 23rd May, 2024 and Friday, 24th May, 2024, in Triq G. Bessiera.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

21st May, 2024

# CENTRAL BANK OF MALTA

## ASSETS AND LIABILITIES AS AT 31 MARCH 2024

| | € | | € |
|---|---|---|---|
| Gold and gold receivables | 15,013,135 | Banknotes in circulation | 1,844,864,140 |
| Claims on non-euro area residents in fcy | 1,302,118,274 | Liabilities related to monetary policy operations | 5,089,875,783 |
| Claims on euro area residents in fcy | 391,574,840 | Other liabilities on euro area credit institutions in euro | 6,873,307 |
| Claims on non-euro area residents in euro | 954,380,448 | Debt certificates issued | - |
| Lending related to monetary policy operations | - | Liabilities to other euro area residents in euro | 1,483,472,692 |
| Other claims on euro area credit institutions in euro | 10,438,584 | Liabilities to non-euro area residents in euro | 25,037,779 |
| Securities of euro area residents in euro | 2,799,905,615 | Liabilities to euro area residents in fcy | 323,459,328 |
| General government debt in euro | - | Liabilities to non-euro area residents in fcy | - |
| Intra-Eurosystem claims | 4,184,334,271 | Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF | 314,597,784 |
| Items in course of settlement | 3,832,218 | Intra-Eurosystem liabilities | 513,653,770 |
| Other assets | 477,038,692 | Items in course of settlement | 42,489 |
| | | Other liabilities | 33,237,131 |
| | | Provisions | 89,224,802 |
| | | Revaluation accounts | 28,101,529 |
| | | Capital and reserves | 386,195,543 |
| | **10,138,636,077** | | **10,138,636,077** |

**AMY CAMILLERI**
**HEAD**
**FINANCIAL CONTROL**

**MARYANNE ATTARD**
**CHIEF OFFICER**
**FINANCIAL CONTROL AND RISK**

KUNSILL LOKALI L-FURJANA

**Sospensjoni ta' Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali l-Furjana jgħarraf illi mis-6.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, 6 ta' Ġunju, 2024, sa nofsillejl ta' nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju , 2024 (il-lejl bejn il-Ġimgħa u s-Sibt) ħadd ma jista' jipparkja fil-parking bays indikati b'tabelli tan-No Parking fi Triq San Tumas (50 spazju ta' vetturi), Triq San Publju (50 spazju ta' vetturi) u Triq l-Isqof Mauro Caruana (10 spazji ta' vetturi).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Dawn it-toroq jista' jkollhom aċċess limitat għall-pubbliku.

Il-21 ta' Mejju, 2024

FLORIANA LOCAL COUNCIL

**Parking Suspension**

The Floriana Local Council notifies that from Thursday, 6th June, 2024, from 6.00 a.m., till midnight of Friday, 7th June, 2024 (night between Friday and Saturday) parking will be prohibited in the parking indicated by No Parking signs in Triq San Tumas (50 parking spaces), Triq San Publju (50 parking spaces) and Triq l-Isqof Mauro Caruana (10 parking spaces).

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

These streets can be non accessible to the general public.

21st May, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAL SAFI

**Sospensjoni ta' Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali Ħal Safi jgħarraf li nhar il-Ħadd, 2 ta' Ġunju, 2024, mis-6.00 a.m. sas-2.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja f'Misraħ il-Knisja u Triq Santa Marija.

Il-21 ta' Mejju, 2024

ĦAL SAFI LOCAL COUNCIL

**Suspension of Parking**

The Ħal Safi Local Council notifies that on Sunday, 2nd June, 2024, from 6.00 a.m. till 2.00 p.m., no parking of vehicles is allowed in Misraħ il-Knisja and Triq Santa Marija.

21st May, 2024

KUNSILL LOKALI L-FGURA

**Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ**

Il-Kunsill Lokali l-Fgura jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 119 tal-2002, Triq il-Karmelitani bejn Triq Liedna sa kantuniera ma' Triq Hompesch se tkun magħluqa għat-traffiku, kif wkoll vetturi ma jistgħux jipparkjaw nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Ġunju, 2024, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl. Vetturi li jiqbgħu pparkjati jiġu rmunkati, u ħlas isir min-naħa ta' sid il-vettura.

Il-21 ta' Mejju. 2024

FGURA LOCAL COUNCIL

**Suspension of Traffic and Parking**

The Fgura Local Council hereby notifies that in terms of Legal Notice 119 of 2002, Triq il-Karmelitani between Triq il-Liedna till corner with Triq Hompesch will be closed for transit of vehicles and no cars will be allowed to park on Saturday, 15th June, 2024, from 5.00 p.m. till midnight. Cars which remain parked shall be towed and paid at owner's expense.

21st May, 2024

KUNSILL LOKALI L-MARSA

**Sospensjoni ta' Traffiku**

II-Kunsill Lokali l-Marsa jgħarraf illi nhar is-Sibt, l-1 ta' Ġunju, 2024, mis-7.00 a.m. sal-4.00 p.m., parti minn Triq is-Salib tal-Marsa se tkun magħluqa għat-traffiku. Uffiċjali tal-immaniġġjar tat-traffiku se jkunu fuq il-post sabiex jiddevjaw it-traffiku.

Il-21 ta' Mejju, 2024

MARSA LOCAL COUNCIL

**Suspension of Traffic**

The Marsa Local Council notifies the public that on Saturday, 1st June, 2024, from 7.00 a.m. till 4.00 p.m., part of Triq is-Salib tal-Marsa will be closed for traffic. Traffic management officers will be on site to divert traffic flow.

21st May, 2024

## AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

**Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 30 ta' Mejju, 2024, għal:**

Avviż Nru. 28 Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-Kjosk vojt tale quale fi Triq Pietru Gagliardi, Il-Gudja kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 42_93_A. Il-kerrej prezenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €4,760 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elef u ħames mija u tmienja u sittin ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€1,568.45) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 29 Kiri minn sena għal sena ta' Fond tale quale f'Nru. 23, Sur San Ġwann, Bormla kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 23_80_20_23. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €2,910 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' disa' mija u sebgħin ewro (€970) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 30 Kiri għall-perjodu ta' ħmistax (15) -il sena ta' garaxx mingħajr l-arja tiegħu għax mhijiex inkluża f'Nru. 6, Triq is-Sibi, Qasam tad-Djar tar-Rinella, Il-Kalkara kif muri bl-aħmar u mmarkat bħala Garage No. 6 fuq il-pjanta P.D. 77_84_1_6. Dan il-fond ma jistax jinxtara bl-iskema tal-garaxxijiet. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €5,700 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 31 Kiri, għal skopijiet kummerċjali għall-perjodu ta' ħmistax (15)-il sena, ta' fond tale quale f'Nru. 19, Triq San Publiju, Il-Furjana kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2017_0508. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €13,530 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbat elef u ħames mija u għaxar ewro (€4,510) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-

## LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

**Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 30th May, 2024, for:**

Advt No. 28. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare Kiosk tale quale at Triq Pietru Gagliardi, Gudja as shown edged in red on plan P.D.42_93_A. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €4,760 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and five hundred and eighty-six Euros and firty-five cents (€1,586.45) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 29. Lease on a year to year basis of the premises tale quale, at No. 23 St. John Bastion, Cospicua as shown edged in red on the plan P.D.23_80_20_23. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €2,910 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of nine hundred and seventy Euros (€970) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 30. Lease for a period of fifteen (15) years of a garage without its own airspace as it is not included at No. 6 Triq is-Sibi, Rinella Housing Estate Kalkara as shown edged in red and marked Garage No. 6 on the plan P.D.77_84_1_6. This premises cannot be bought through the garage scheme. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,700 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and nine hundred Euros (€1,900) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 31. Lease, for commercial purposes for a period of fifteen (15) years, of the premises tale quale at No. 19, Triq San Publiju, Floriana, as shown edged in red on plan P.D.2017_0508. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €13,530 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four thousand and five hundred and ten Euros (€4,510) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No.

Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 32 Kiri ghall-perjodu ta' ħmistax (15) -il sena għal skopijiet kummerċjali ta' Fond tale quale, f'Nri. 342L u 342M (qabel Nri. 342F u 342G), Triq Fleur De Lys, Birkirkara kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2023_0149. Dan il-fond huwa soġġett għal servitujiet eżistenti favur il-propjetajiet adjaċenti. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €38,700 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tnax-il elf u disa' mija ewro (€12,900) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

Il-21 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**Avveniment Imnarja 2024**

*Espressjoni ta' Interess*

Qed issir sejħa għall-partijiet interessati biex jipparteċipaw f'din l-espressjoni ta' interess għall-provvista ta' bankarelli tal-ikel waqt l-Imnarja 2024.

Id-dettalji kollha flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Ministeru (https://agrikoltura.gov.mt).

Applikanti prospettivi huma mitluba jirreġistraw l-interess tagħhom billi jimlew u jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni (anness 2, anness 3 u dokumenti kollha mitluba) jew permezz ta' ittra elettronika lil (epu.mafa@gov.mt), jew bl-idejn għall-attenzjoni tal-Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (aktar magħruf bħala 'L-Għammieri'), Il-Marsa MRS 3000.

573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 32. Lease for a period of fifteen (15) years for commercial purposes the premises tale quale in its present state including any latent defects, at Nos. 342L and 342M (formerly Nos. 342F and 342G), Triq Fleur De Lys, Birkirkara as shown edged in red on the plan P.D.2023_0149. These premises are subject to existing servitudes in favour of adjacent Properties. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €38,700 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twelve thousand and nine hundred Euros (€12,900) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

21st May, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

**Mnarja 2024 Event**

*Expression of Interest*

A call is being issued for interested parties to participate in this expression of interest for the provision of food stalls during the Mnarja 2024.

Full details together with the application form can be downloaded from the Ministry's website (https://agrikoltura.gov.mt).

Prospective applicants are asked to register their interest by filling in and submitting the standard application form (annex 2, annex 3 and requested documents), either by email to (epu.mafa@gov.mt), or by hand to the attention of the Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (better known as 'Għammieri'), Marsa MRS 3000.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Id-data u l-ħin tal-għeluq għas-sottomissjoni hija l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024, sal-10.00 a.m.

Il-21 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**Avveniment Imnarja 2024**

*Espressjoni ta' Interess*

Qed issir sejħa għall-partijiet interessati biex jipparteċipaw f'din l-espressjoni ta' interess għall-provvista ta' trakkijiet tal-ikel fiż-żona tal-kompetizzjonijiet tal-annimali waqt l-Imnarja 2024.

Id-dettalji kollha flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Ministeru (https://agrikoltura.gov.mt).

Applikanti prospettivi huma mitluba jirreġistraw l-interess tagħhom billi jimlew u jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni (anness 2, anness 3 u dokumenti kollha mitluba) jew permezz ta' ittra elettronika lil (epu.mafa@gov.mt), jew bl-idejn għall-attenzjoni tal-Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (aktar magħruf bħala 'L-Għammieri'), Il-Marsa MRS 3000.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Id-data u l-ħin tal-għeluq għas-sottomissjoni hija l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024, sal-10.00 a.m.

Il-21 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**Avveniment Imnarja 2024**

*Espressjoni ta' Interess*

Qed issir sejħa għall-partijiet interessati biex jipparteċipaw f'din l-espressjoni ta' interess għall-provvista taż-żona tal-ikel u x-xorb prinċipali waqt l-Imnarja 2024.

Id-dettalji kollha flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Ministeru (https://agrikoltura.gov.mt).

Applikanti prospettivi huma mitluba jirreġistraw l-interess tagħhom billi jimlew u jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni (anness 2, anness 3 u dokumenti kollha mitluba) jew permezz ta' ittra elettronika lil (epu.mafa@gov.mt), jew bl-idejn għall-attenzjoni tal-Events and Promotions

Late applications will not be considered. The closing date and time for submission is Wednesday, 29th May, 2024, by 10.00 a.m.

21st May, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

**Mnarja 2024 Event**

*Expression of Interest*

A call is being issued for interested parties to participate in this expression of interest for the provision of food trucks for the livestock competition area during the Mnarja 2024.

Full details together with the application form can be downloaded from the Ministry's website (https://agrikoltura.gov.mt).

Prospective applicants are asked to register their interest by filling in and submitting the standard application form (annex 2, annex 3 and requested documents), either by email to (epu.mafa@gov.mt), or by hand to the attention of the Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (better known as 'Għammieri'), Marsa MRS 3000.

Late applications will not be considered. The closing date and time for submission is Wednesday, 29th May, 2024, by 10.00 a.m.

21st May, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

**Mnarja 2024 Event**

*Expression of Interest*

A call is being issued for interested parties to participate in this expression of interest for the provision of the main food stall and main bar during the Mnarja 2024.

Full details together with the application form can be downloaded from the Ministry's website (https://agrikoltura.gov.mt).

Prospective applicants are asked to register their interest by filling in and submitting the standard application form (annex 2, annex 3 and requested documents), either by email to (epu.mafa@gov.mt), or by hand to the attention of the Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture

Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (aktar magħruf bħala 'L-Għammieri'), Il-Marsa MRS 3000.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Id-data u l-ħin tal-għeluq għas-sottomissjoni hija l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024, sal-10.00 a.m.

Il-21 ta' Mejju, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**Avveniment Imnarja 2024**

*Espressjoni ta' Interess*

Qed issir sejħa għall-partijiet interessati biex jipparteċipaw f'din l-espressjoni ta' interess għall-provvista ta' bankarella tal-ikel li sservi plattini Maltin u inbid lokali waqt l-Imnarja 2024.

Id-dettalji kollha flimkien mal-formola tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Ministeru (https://agrikoltura.gov.mt).

Applikanti prospettivi huma mitluba jirreġistraw l-interess tagħhom billi jimlew u jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni (anness 2, anness 3 u dokumenti kollha mitluba) jew permezz ta' ittra elettronika lil (epu.mafa@gov.mt), jew bl-idejn għall-attenzjoni tal-Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (aktar magħruf bħala 'L-Għammieri'), Il-Marsa MRS 3000.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Id-data u l-ħin tal-għeluq għas-sottomissjoni hija l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024, sal-10.00 a.m.

Il-21 ta' Mejju, 2024

MALTA LIBRARIES

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Malta Libraries, jgħarraf illi:

**Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2024, jintlaqgħu kwotazzjonijiet li għandhom jintbagħtu online BISS fuq (tenders.library@gov.mt), għal:**

Kwot. Nru. ML 23/2020. Stampar ta' 'barcoded library membership cards'.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu permezz ta' ittra elettronika lil (tenders.library@gov.mt) bir-riferenza ta' hawn fuq.

Il-21 ta' Mejju, 2024

Research and Innovation Hub (better known as 'Għammieri'), Marsa MRS 3000.

Late applications will not be considered. The closing date and time for submission is Wednesday, 29th May, 2024, by 10.00 a.m.

21st May, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

**Mnarja 2024 Event**

*Expression of Interest*

A call is being issued for interested parties to participate in this expression of interest for the provision of a stall serving Maltese platters and local wines during the Mnarja 2024.

Full details together with the application form can be downloaded from the Ministry's website (https://agrikoltura.gov.mt).

Prospective applicants are asked to register their interest by filling in and submitting the standard application form (annex 2, annex 3 and requested documents), either by email to (epu.mafa@gov.mt), or by hand to the attention of The Events and Promotions Unit, Operations Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub (better known as 'Għammieri'), Marsa MRS 3000.

Late applications will not be considered. The closing date and time for submission is Wednesday, 29th May, 2024, by 10.00 a.m.

21st May, 2024

MALTA LIBRARIES

The Chief Executive Officer, Malta Libraries, notifies that:

**Quotations will be received up to 9.30 a.m. on Monday, 3rd June, 2024, and are to be submitted online ONLY on (tenders.library@gov.mt), for:**

Quot. No. ML 23/2020. Barcoded library membership cards.

Quotation documents are obtainable by sending an email to (tenders.library@gov.mt) quoting the reference provided above.

21st May, 2024

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻABBAR

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar jgħarraf li:

**Sejħiet għall-offerti jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Ġunju, 2024, għal:**

Avviż Nru. ZLC 3/2024. Tisbiħ ta' Ġnien il-Mistrieħ, Ħaż-Żabbar, inkluż stallazzjoni ta' tagħmir tal-logħob, qsari u għamara ta' barra, b'riżorsi effiċjenti li jikkunsidraw impatti ambjentali usa'.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-21 ta' Mejju, 2024

ĦAŻ-ŻABBAR LOCAL COUNCIL

The Ħaż-Żabbar Local Council notifies that:

**Tenders will be received at the Ħaż-Żabbar Local Council through ePPS, by not later than noon on Friday, 21st June, 2024, for:**

Advt No. ZLC 3/2024. Embellishment of Ġnien il-Mistrieħ, Ħaż-Żabbar, including the installation of playing equipment, planters and street furniture, in a resource efficient manner which considers wider environmental impacts.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

21st May, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1128

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-25 ta' April, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 299/2024GMG, li ġie ppreżentat fl-20 ta' Marzu, 2024, fl-ismijiet: Deguara Kevin Dr et noe vs Aerospace Engineering Services Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' ħmistax-il elf disa' mija u tlieta u ħamsin ewro u sittin ċenteżmu (€15,953.60ċ). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimat inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-3 ta' Lulju, 2024, fil-11.15 a.m.

Notifika Intimat: Aerospace Engineering Services Limited, 60, Suite 6, Triq Giuseppe Calì, Ta' Xbiex

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Mejju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 25th April, 2024, in the records of Sworn Application number 299/2024GMG, which was filed on the 20th March, 2024, in the names: Deguara Kevin Dr et noe vs Aerospace Engineering Services Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent company to pay the applicants the sum of fifteen thousand, nine hundred and fifty three euro and sixty cents (€15,953.60C). With all costs and legal interest against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 3rd July, 2024, at 11.15 a.m.

Notify Respondent: Aerospace Engineering Services Limited, 60, Suite 6, Triq Giuseppe Calì, Ta' Xbiex

Registry of the Superior Courts, today 13th May, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1129

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-9 ta' April, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 175/2024DC, li ġie ppreżentat fil-15 ta' Frar, 2024, fl-ismijiet: Kappara Service Station Operations Limited vs Khurshid & Sons Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' sebgħa u sittin elf, tnejn u sittin ewro u ħamsin ċenteżmu. (€67,062,50ċ). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimati inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar 8 ta' Lulju, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimati: Shop No:3, 3, Pullicin Court, Triq il-Wied, Ħal Qormi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Mejju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 9th April, 2024, in the records of Sworn Application number 175/2024DC, which was filed on the 15th February, 2024, in the names: Kappara Service Station Operations Limited vs Khurshid & Sons Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the defendant company to pay the applicant company the amount of sixty seven thousand, sixty two euros and fifty cents (€67,062,50 C). With all costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 8th July, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Shop No:3, 3, Pullicin Court, Triq il-Wied, Ħal Qormi

Registry of the Superior Courts, today 15th May, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1130

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Mejju, 2024, fuq rikors ta' APS Bank plc (C2192) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 12 ta' Novembru, 2024, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Blokk bini bla numru uffiċjali, bl-isem Alu Care Buildings, fi Triq il-Kappar qabel magħrufa bħala triq ġdida fi Triq in-Naġġar, Il-Mosta, eskluża l-penthouse li tinsab fit-tielet (3) sular, però inkluż is-sottoswol. Il-fond jinsab f'żona industrijali u jikkonsisti f'fabbrika li testendi fuq tliet sulari, wieħed minnhom kantina, inkluż użu anċillari bħal garaxx għall-vetturi u spazji għall-ħażna ta' materjal. Fl-ewwel sular hemm tliet (3) bibien jagħtu għat-triq, bi dritt ta' passaġġ reċiproku mal-penthouse li tinsab mibnija fit-tielet (3) sular u jikkonfina mit-Tramuntana mat-Triq, mill-Punent ma' beni ta' Francis Sciberras jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Maria Vella jew l-aventi kawża tagħha jew irjieħ verjuri, libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha u stmata għal miljun, ħames mija u tnejn u tletin elf, mija u ħamsa u sittin ewro (€1,532,165).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th May, 2024, on the application of APS Bank plc (C2192), Tuesday, 12th November, 2024, at eleven in the morning (11:00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Block building without official number named Alu Care Buildings, in Triq il-Kappar previously known as new street in Triq in-Naġġar, Mosta, excluding the penthouse situated on the third (3rd) floor level, however including the sub terrain. The building is situated in an industrial zone and consists of a factory extending on three levels, one of which a basement level, including the ancillary use as garage for vehicles and space for material storage. Access to the street is accessed from three (3) doors situated on the street floor level, with right of reciprocal passage with the penthouse situated on the third (3rd) floor level and is bounded on the North by the said street granting access, on the West by property of Francis Sciberras or successors in title and on the East with property of Maria Vella or her successors in title, or more accurate boundaries, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances and valued at one million, five hundred and thirty two thousand, one hundred and sixty five euro (€1,532,165).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alu Care Holdings Ltd (C30207).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 23/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 16 ta' Mejju, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of Alu Care Holdings Ltd (C30207).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 23/2020.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 16th May, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1131

ARB/C033/2024 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Mejju, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Charmaine Galea, LLD). Kumpilazzjoni Numru 407/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

ANDRÈ DAMATO, direttur, ta' 37 sena, iben Carmelo Damato u Rita Damato xebba Camilleri, imwieled Tal-Pietà, Malta, fis-17 ta' Frar, 1987, u residenti fi 30, 'Ortensia', Triq il-Papa Piju XII, Il-Mosta, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 101787M.

Il-Qorti ORDNAT is-sekwestru ta' kwalunkwe proprjetà li tkun f'idejn partijiet terzi li dwarha jkun hemm raġuni valida sabiex jitwemmen li l-proprjetà hija suġġetta għall-konfiska, u qed iżżomm u tipprojbixxi lill-imputat ANDRÈ DAMATO milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dik il-proprjetà u minn proprjetà oħra tiegħu jew li tkun fil-pussess tiegħu, u dan ai termini tal-Artikolu 36(1) u tal-Artikolu 36(4)(b)(i) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,191 permezz tal-Avviż Legali 31 tal-2024 – Ordni tal-2024 li Jistabbilixxi l-Ammont Massimu Rilaxxjabbli lil Persuni li Jkunu Suġġetti għal Ordnijiet ta' Sekwestru jew għal Ordnijiet ta' Qbid u Ffriżar taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€21,945) kull sena bħala l-ammont massimu, wara li l-imputat jiddikjara permezz ta' rikors is-sors tal-fondi li għandhom jiġu perċepiti.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36(1) u fl-Artikolu 36(4)(b)(i) tkun

ARB/C033/2024 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th May, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Charmaine Galea, LLD). Compilation Number 407/2024, in the case:

The Republic of Malta

Versus

ANDRÈ DAMATO, director, 37 years, son of Carmelo Damato and Rita Damato née Camilleri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 17th February, 1987, and residing at 30, 'Ortensia', Triq il-Papa Piju XII, Mosta, and holder of Maltese identity card bearing number 101787M.

The Court ORDERED the attachment of any property in the hands of third parties for which there is reasonable cause to believe that the property is subject to confiscation, and is restraining and prohibiting the accused ANDRÈ DAMATO from transferring, pledging, hypothecating, or otherwise changing or disposing of any such property and of such other property owned by him or being in his possession, and this in terms of Article 36(1) and Article 36(4)(b)(i) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount established by the Minister by order in the Government Gazette of Malta No. 21,191 through Legal Notice 31 of 2024 – Establishment of Maximum Amount which may be Released to Persons who are Subject to Attachment Orders or to Seizing and Freezing Orders under the Proceeds of Crime Act Order, 2024, of twenty-one thousand, nine hundred and forty-five euro (€21,945) annually as the maximum amount, after the accused declares by means of an application the source of the funds which are to be perceived.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 36(1) and Article 36(4)(b)(i) referred to

ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax il-elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 20 ta' Mejju, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 20th May, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1132

B'digriet tal-14 ta' Settembru, 2023, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taht biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-2 ta' April, 2024, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 18 ta' Lulju, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

